# Kunsill Lokali Ta' Kerċem

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Kerċem

IT-TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 529

L-Erbgħa, 7 ta' April, 2021

Il-Kunsill Lokali Ta' Kerċem iltaqa' online permezz ta' Microsoft Teams minħabba l-Pandemija tal-Covid-19, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Mario Azzopardi – Sindku
Paul Mizzi- Viċi Sindku
Horace Vella – Kunsillier
Alvin Grech – Kunsillier
Abigail Micallef – Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ

ASSENTI:

Frankie Attard – Kunsillier

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marianne Sagona – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Mario Azzopardi ippresjeda l-laqgħa.

## 529.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Inqraw il-minuti tal-laqgħa preċendenti. Dawn ġew approvati u iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

## 529.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

529.2.1 Is-Sindku semma punt 528.7 mill-minuti preċedenti dwar it-trakkijiet tal-barrieri u qal li l-ġimgħa l-oħra ġew il-Pulizija għax kellhom rapport li l-post tal-loqqu qed jaqa' u bgħatna email lill-Kunsill Lokali ta' San Lawrenz sabiex jiġbed l-attenzjoni lil min hu responsabbli.

529.2.2 Dwar SPI/SCI/3/2021 – Skema Attivitajiet Kulturali, il-Kunsill Lokali ddiskuta li jista' jkun li ma japplikax minħabba l-pandemija tal-Covid-19. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjoni issa ġiet ukoll estiża.

529.2.3 Dwar il-proġett tal-LESA, dan il-proġett se jkun qed jagħti 80% tal-proġett. Wara r-risposta li l-Kunsill irċieva mid-DLG dwar li ma jistax iħallas l-assigurazzjoni u r-reġistrazzjoni tat-trakk tal-bulky li qed jintuża bħalissa, is-Sindku ssuġġerixxa li napplikaw għal trakk tal-bulky refuse li jkun tal-Kunsill Lokali. Il-membri lkoll qablu ma' dan is-suġġeriment.

## 529.3 Proġett Triq San Girgor

Is-Sindku qal li għal darb'oħra, minħabba s-sitwazzjoni tal-Pandemija, il-Perit ma setgħax ikun magħna. Huwa diġa' lesta l-pjanti u s-Sindku u l-Viċi Sindku semmew ukoll il-culvert fil-bidu ta' Triq l-Avukat Anton Calleja li jinsab nieżel u għalhekk important li ndaħħlu parti mil-proġett.

## 529.4 Playing Field

Is-SE ippreżentat il-pjanti li ppreparat il-Perit Busuttil għall-applikazzjoni tal-iskema tal-Playing Fields. Il-Kunsill evalwa dawn l-istess pjanti u ddeċieda illi fejn hemm l-area tas-spring riders ser tinbidel mal-area proposta għal outdoor gym. Dan ifisser li l-outdoor gym ser isir fil-pitch tal-boċċi tan-naħa ta' ġew u l-ispring riders ser jiġu taħt is-siġar tal-ħarrub. Is-Sindku spjega illi l-President ta' Kerċem Ajax FC offra ukoll illi l-ħaddiema tal-club jgħinu lill-ħaddiema tal-Kunsill Lokali sabiex isir il-

kostruzzjoni ta' dan l-embellishment u b'hekk inkunu qed niffrankaw ħafna flus. Apparti hekk sar qbil illi l-maintenance u t-tindif tal-Public Toilets isir minn naħa ta' Kerċem Ajax FC bla ħlas.

## 529.5 Pelican lights

Il-Perit għamlet pjanta ta' żewġ pelican lights: waħda ma' ġenb il-Knisja u l-oħra quddiem l-iskola. Il-membri kollha qablu ma' dik tal-iskola iżda saret diskussjoni dwar dik ta' fejn il-Knisja peress li ġie diskuss li ser jinqatgħu diversi postijiet ta' parkeġġ speċjalment matul il-quddiesa. Ġie għalhekk deċiż illi nitkellmu mal-Perit sabiex jinżlu fejn it-taraġ tal-Knisja.

## 529.6 Ilmenti u Suġġerimenti

Is-Sur Paul Mizzi semma illi waqt il-funerali tajjeb li nagħlqu t-triq pero' dawk li jkunu telgħin għall-ispiżerija għandhom jitħallew sabiex jitilgħu xorta. Is-Sindku qal li hu kien diġa' avża lill-ħaddiema sabiex isir dan. Ser nerġgħu inkellmu lill-ħaddiema.

## 529.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

Ġew approvati l-pagamenti li kien hemm pendenti.

## 529.8 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa ntemmet fis-6.15pm u ġiet aġġornata għall-Erbgħa 5 ta' Mejju 2021 fil-5pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Mario Azzopardi<br>Sindku | Marianne Sagona<br>Segretarju Eżekuttiv |